## Taqsima B

**Agħżel WIEĦED minn dawn li ġejjin. Din it-Taqsima fiha 50 marka. Jekk jogħġbok, indika t-total ta' kliem li tkun ktibt.**

1. Waqt li int kont f'ħanut tal-ħwejjeġ qam pandemonju sħiħ hekk kif raġel deher ħiereġ jiġri 'l barra mill-ħanut b'għadd ta' spallieri bil-ħwejjeġ imdendli magħhom f'idejh. Irrakkonta pass pass dak kollu li rajt u kif spiċċa l-inċident. Agħmel dan f'madwar 350 kelma.

2. Tilwima bejn mara u raġel miżżewġin li joqogħdu bieb ma' bieb miegħek wasslet biex int tittella' xhud mill-pulizija. Il-maġistrat jitolbok tagħti rendikont ta' kif seħħew il-fatti. Agħmel dan f'madwar **350** kelma.

**Total: 100 marka**

## TMIEM IL-KARTA TAL-EŻAMI



DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET
IL-MALL, TRIQ SARRIA, IL-FURJANA MALTA

# Eżami għall-Pożizzjoni ta' Uffiċjali Korrettivi fl-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi

**Suġġett:** IL-MALTI

**Sena:** 2020

**Ħin:** 09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)

**Struzzjonijiet ġenerali: Din il-karta tal-eżami fiha ŻEWĠ taqsimiet, Taqsima A u Taqsima B. Il-kandidati jridu jwieġbu ż-ŻEWĠ taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parenteżi.**

## Taqsima A

Aqra s-silta sew li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu:

### Informazzjoni Generali:

Kull priġunier għandu jkun allokat akkomodazzjoni, kif ordnat mid-Direttur. L-akkomodazzjoni pprovduta għandha tilħaq il-ħtiġijiet ta' saħħa u iġjene, b'konsiderazzjoni xierqa mogħtija lill-kontenut kubiku tal-arja, ammont raġjonevoli ta' spazju, dawl u ventilazzjoni, kif ukoll il-possibilità li jikkomunika f'kull ħin ma' Uffiċjal Korrettiv. Kull priġunier huwa mistenni li jżomm iz-zona taċ-ċella tiegħu/tagħha nadifa u li jwettaq affarijiet bażiċi biex iżomm iċ-ċella tiegħu/tagħha f'kundizzjoni tajba. Materjali biex titnaddaf iċ-ċella u biex titwettaq manutenzjoni bażika jkunu pprovduti jekk issir talba għalihom.

Kull priġunier għandu jkun ipprovdut b'sodda separata u friex separat xieraq għas-sħana u s-saħħa, liema friex għandu jinżamm f'ordni tajba u mibdul meta meħtieġ sabiex tkun żgurata l-indafa tiegħu.

Il-priġunieri għandhom ikunu meħtieġa li jżommu lilhom infushom nodfa u puliti, u huma għandhom ikunu pprovduti b'dawk l-affarijiet li jintużaw u huma meħtieġa għas-saħħa u l-indafa.

Il-priġunieri huma pprovduti bl-ikel kif ġej: kolazzjon fit-8.00 ta' filgħodu, ikla ta' nofsinhar fil-11.45 ta' filgħodu u ikla ta' filgħaxija fil-5.30 ta' filgħaxija. L-ikel huwa ppreparat, sa fejn huwa possibbli, f'konformità mal-ħtiġijiet tas-saħħa u l-kundizzjoni tad-dieta tal-priġunieri, kif ukoll mal-ħtiġijiet reliġjużi jew kulturali tagħhom.

Id-direttur jista' jħalli priġunieri jingħataw ammont raġjonevoli ta' ikel bi spejjeż tagħhom jew tal-familji tagħhom. L-ebda ikel ma jista' jiġi mgħoddi lil priġunieri oħra mingħajr il-permess tad-Direttur.

M'humiex permessi xarbiet alkoħoliċi li jwasslu biex wieħed jisker. Il-priġunieri jistgħu jitħallew ipejpu jew ikollhom it-tabakk. Madankollu, huma meħtieġa li jirrispettaw iz-zoni kollha li fihom ma jistax isir tipjip.



### Mistoqsijiet:

*Għall-mistoqsijiet 1 sa 5 immarka t-tweġiba t-tajba:*

1. X'għandu jkun allokat kull priġunier?
   a. Uffiċċju
   b. Villa
   ċ. Akkomodazzjoni
   d. Tinda. (5 marki)

2. X'tip ta' sodda għandu jingħata kull priġunier?
   a. Sodda separata
   b. Sodda tal-arja
   ċ. Sodda tat-tiben
   d. Sodda lussuża. (5 marki)

3. Kemm-il ikla jingħataw kuljum il-priġunieri?
   a. 1
   b. 2
   ċ. 3
   d. 4. (5 marki)

4. Il-prigunieri għandhom izommu ruħhom....
   a. Kwieti
   b. Mitluqin
   ċ. Imħarbtin
   d. Nodfa u puliti. (5 marki)

5. X'jistgħu jitħallew jagħmlu il-priġunieri?
   a. Jixxemmxu fuq il-bejt
   b. Jitħallew ipejpu jew ikollhom it-tabakk
   ċ. Joħorġu għal mixja kuljum
   d. Isiefru kull sena. (5 marki)

6. Kif trid tkun l-akkomodazzjoni pprovduta lill-priġunieri? (4 marki)

7. X'jiġi ikkunsidrat meta jiġi ppreparat l-ikel tal-priġunieri? (4 marki)

8. Jistgħu jixtru ikel il-priġunieri, u bil-permess ta' min? (6 marki)

9. Kif inhu mistenni li kull priġunier iżomm iċ-ċella tiegħu? (6 marki)

10. X'inhuma r-regoli dwar it-tipjip mill-priġunieri? (5 marki)

**50 marka**